MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Numru. 1362/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs.**

**Adrian Valletta**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Adrian Valletta**, ta' hamsa u tletin sena, iben Joseph u Catherine xebba Abela, imwieled Pietà nhar it-3 ta' Awwissu 1975, u residenti Flat Nru. 1, Blokk 7, Triq il-Marokk, Naxxar, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 396075(M), akkuzat talli matul il-perjodu ta' qabel it-12 ta' Frar 2008 f'dawn il-Gzejjer:

1. ikkommetta serq ta' oggetti u cioé affarijiet relatati mal-kmamar tal-banju liema serq, li sar ghad-detriment tal-kumpanija Josies Bathrooms u/jew persuni ohra,

kif ukoll huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn €2,329.37 imma mhux aktar minn €4,916.36 u bil-persuna;

2. fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioé oggetti relatati mal-kmamar tal-banju liema oggetti gew minn serq ikkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn €2329.37 imma mhux aktar minn €4,916.36;

3. fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra minn haga ta' haddiehor li giet fdata lilu jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat minnha u cioé dan kollu sehh meta kien fdat bil-haga minhabba n-natura tax-xoghol tieghu bhala haddiem tal-istess kumpanija Josies Bathrooms.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 99) datata 29 ta' Ottubru 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 17, 18, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 261, 267, 268, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-28 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 126), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-29 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 99), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri (*a fol.* 133).

Rat illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 133), giet milqugha t-talba tad-difiza sabiex jinhatar espert sabiex ikun jista' janalizza u jezamina lill-imputat u biex jigi verifikat jekk il-kontenut tal-

istqarrija rilaxxata mill-imputat huwiex kontenut vera u genwin jew inkella jekk, fil-mument li rrilaxxa l-istqarrija, l-imputat kienx ikkundizzjonat mill-istat mentali tieghu.

Rat illi, in segwitu ta' din it-talba, gie appuntat Dr. Mark Xuereb li pprezenta r-rapport tieghu (Dok. "MX 1" – *a fol.* 156 *et seq.*) waqt li ta d-depozizzjoni tieghu (*a fol.* 149 *et seq.*) quddiem il-Qorti.

Semghet, fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2014, lix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2014, is-sottomissjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 173 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2012, xehed l-eks **Spettur Jesmond Borg** (*a fol.* 49 *et seq.*) fejn spjega l-involviment tieghu in segwitu ta' dak li kien gie mistqarr minn Antonia Attard [Gialanzé] fejn qalet li rnexxielha ggib persuna sabiex jifthilha l-bieb tal-post taghha fil-Kalkara u sabet li kien hemm ammont ta' materjal tal-kmamar tal-banju. Jghid li Attard [Gialanzé] indikat li l-imputat u t-tifla taghha kienu ghamlu xi zmien gharajjes u li f'dak iz-zmien ma kienux jitkellmu. Jixhed li Attard [Gialanzé] kienet allegat li dak il-materjal li nstab kien ittiehed mill-imputat mill-kumpanija Josies Bathrooms, fejn l-imputat kien jahdem u li dan gie konfermat meta gie mibghut persuna minn din il-kumpanija biex jara dak li kien nstab. Jghid li meta baghat ghall-imputat dan kien qallu li dawn l-affarijiet kienu kollha *seconds* pero rrizultalu li minnhom kien hemm affarijiet godda fjamanti.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li wara investigazzjonijiet akkurati, l-imputat kien ammetta li kien hu li ha l-affarijiet in kwistjoni. Jghid li Attard [Gialanzé] kienet tmur kemm il-darba biex ticcekkja x'gara fuq dan il-kaz. Jixhed li meta Attard [Gialanzé] ippruvat tidhol fil-fond taghha, sabet li kien hemm sellatura mbiddla.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **John Aquilina** (*Managing Director – Josies Bathrooms – a fol.* 57 *et seq.*)[1] fejn qal li kien mar gol-fond ta' Antonia Attard [Gialanzé] fil-Kalkara flimkien mal-lavrant tieghu Vince Bonello fejn gie mitlub jivverifika jekk jaghrafx xi affarijiet u kkonferma li kien hemm affarijiet li ghandhom x'jaqsmu max-xoghol tieghu li mhux suppost kienu hemm ghax qatt ma kienet inharget *invoice* ghalihom. Jghid li kienet cemplitlu Antonia Attard [Gialanzé] u li l-imputat kien impjegat tieghu bhala *delivery man*. Meta gie muri dokumenti minn *a fol.* 14 sa 28 ikkonferma li dawn huma l-affarijiet li nstabu fuq il-post u li dawn ma kienux *seconds*. Jghid li ghamel rapport lill-Pulizija li ladarba dawn l-affarijiet kienu bla *invoice*, dawn kienu misruqin.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 135 *et seq.*), ikkonferma li meta l-imputat kien jidhol ghax-xoghol, l-i*store keeper* kien jaghtih liema ordni (bl-affarijiet fiha) kellha ssir id-*delivery* taghhom. Jghid li jista' jaghti l-kaz li l-imputat kien ikun wahdu meta jmur biex iqassam l-affarijiet u jista' jaghti l-kaz li kien hemm drabi fejn mieghu kien ikun hemm xi hadd.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012, xehed is-**Surgent Maggur Carmel Bonello** (*a fol.* 64 *et seq.*)[2] rigward ir-rapport redatt minnu li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "CB 1" (*a fol.* 33 *et seq.*). Jghid li, in segwitu tar-rapport li kien sar minn certu Antonia Attard [Gialanzé], meta mar fuq il-post in kwistjoni sab lil certu John Aquilina u Vincent Bonello. Jghid li l-affarijiet li nstabu fil-fond in kwistjoni gew fotografati u gew mehuda fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla.

In kontro-ezami jghid li jista' jkun li Antonia Attard [Gialanzé] qaltilhom li kienet ittawwlet mil-*flap* tal-*letter box* li ghandha fil-bieb. Jghid li jiftakar li l-bieb kellu jigi sgassat.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehed **Patrick Spiteri** (*a fol.* 68 *et seq.*) fejn qal li huwa *store-keeper* ma' Josies Bathrooms. Jixhed li kienet inqalghet sitwazzjoni fejn irrizulta li certu affarijiet li nstabu neqsin mill-i*store* nstabu go fond. Jghid li dokument *a fol.* 16 jindika l-affarijiet li nstabu fil-post u li l-bqija tad-dokumenti huma l-fatturi ta' meta dawn l-affarijiet inxtraw.

In kontro-ezami jghid li qabel ma nstabu dawn l-affarijiet kien jirrizultalu li mill-i*store* kienu jonqsu l-affarijiet.

---

[1] Id-depozizzjoni tieghu kienet diga ttiehdet fis-seduta tal-20 ta' Frar 2012 (*a fol.* 36 *et seq.*), pero din kellha terga' tittiehed minhabba li kien hemm problema teknika meta ttiehdet l-ewwel depozizzjoni (*Vide* digriet datat 23 ta' Frar 2012 – *a fol.* 40).

[2] Id-depozizzjoni tieghu kienet diga ttiehdet fis-seduta tal-20 ta' Frar 2012 (*a fol.* 31 *et seq.*), pero din kellha terga' tittiehed minhabba li kien hemm problema teknika meta ttiehdet l-ewwel depozizzjoni (*Vide* digriet datat 23 ta' Frar 2012 – *a fol.* 40).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **Vincent Bonello** (*a fol.* 73 *et seq.*) fejn qal li kien ghamel xi zmien jahdem ma' Josies Bathrooms u kien hemm zmien fejn kien *store-keeper*. Jghid li kien hemm zmien fejn meta kien isir *stock-taking* kienu jinstabu xi affarijiet neqsin. Meta gie muri dokument *a fol.* 15 ikkonferma li l-affarijiet li jidhru f'dan id-dokument kienu nstabu neqsin mill-i*store*. Jghid li mar go fond fil-Kalkara fejn kienu nstabu xi affarijiet.

In kontro-ezami jghid li l-affarijiet li kienu sabu neqsin kienu f'post iehor. Jghid li kien ikun hemm sitwazzjoni fejn id-*delivery* ta' certu affarijiet ma kienitx issir u li meta l-ghada kien imur it-*tiler* li kienet tqabbad il-kumpanija sabiex isir it-twahhil ma kienux jinstabu l-affarijiet.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012, xehed **PC 972 Carmel Fiteni** (*a fol.* 88 *et seq.*)[3] fejn spjega li fit-12 ta' Frar 2008 certu Antonia Attard [Gialanzé] ghamlet rapport peress li meta marret biex tiftah il-fond taghha fil-Kalkara sabet is-sellatura mizduda. Jghid li Attard [Gialanzé] rraportat li ttawwlet mit-toqba tal-bieb u fl-entrata rat xi affarijiet tal-kmamar tal-banju u li l-imsemmija Attard [Gialanzé] qaltilhom li kellha suspett fl-imputat li kien jahdem ma' Josies Bathrooms. Jghid li d-direttur tal-kumpanija msemmija kien mar fuq il-post u kkonferma li l-affarijiet li kien hemm kienu tal-kumpanija.

In kontro-ezami jghid li jista' jkun li Attard [Gialanzé] ittawwlet mill-*flap* tal-kaxxa tal-ittri.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012, xehed ukoll **PS 465 Daniel Abela** (*a fol.* 91 *et seq.*)[4] fejn wara li gie muri ritratti li gew immarkati bhala Dok. "FS 2" sa "FS 12" (*a fol.* 13) ikkonferma li dawn gew mittiehda minnu in segwitu ta' dak li gie mitlub jaghmel mill-iSpettur Jesmond Borg.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012, xehdet ukoll **Antonia Attard Gialanzé** (*a fol.* 93 *et seq.*)[5] fejn qalet li kienet marret fil-post taghha fil-Kalkara u ma setghetx tiftah il-bieb ta' barra, ittawwlet mill-kaxxa tal-ittri u rat li kien hemm hafna affarijiet tal-kmamar tal-banju li ma kienux taghha. Tghid li hasbet li l-imputat (li kien gharus tat-tifla taghha) kellu c-cwievet tal-bieb. Tispjega li marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija u lill-persuna nkarigat minn Josies Bathrooms, li mieghu kien jahdem l-imputat.

[3] Id-depozizzjoni tieghu kienet diga ttiehdet fis-seduta tal-20 ta' Frar 2012, pero din kellha terga' tittiehed minhabba li kien hemm problema teknika meta ttiehdet l-ewwel depozizzjoni (*Vide* digriet datat 23 ta' Frar 2012 – *a fol.* 40).
[4] *Ibid.*
[5] *Ibid.*

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2012, xehed is-**Sur Vincent Ciliberti** (*a fol.* 102 *et seq.*) fejn ipprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "VC 1" (*a fol.* 104 *et seq.*), liema rapport gie mhejji in segwitu ta' nkarigu moghti lilu mill-Qorti fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2012 (*a fol.* 48).

In kontro-ezami jghid li setgha jikkonstata li l-affarijiet in kwistjoni kienu qed jinzammu msakkrin taht tarag.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014, xehed **Dr. Arthur Azzopardi** (*a fol.* 145 *et seq.* u kif ukoll *a fol.* 164) fejn qal li l-imputat kien qallu li kien ikollu problemi mal-kunjata tieghu, cioé Antonia Attard [Gialanzé]. Jghid li wiehed mill-pariri li kien inghata l-imputat kien li kemm jista' jkun huwa ma jmurx lejn l-ebda wahda mill-proprejatiet tal-imsemmija Attard [Gialanzé]. Ezebixxa ittra li giet immarkata bhala Dok. "AA 1" (*a fol.* 148).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014, xehed ukoll **Dr. Mark Xuereb** (*a fol.* 149 *et seq.*) fejn ipprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "MX 1" (*a fol.* 156 *et seq.*), liema rapport gie mhejji in segwitu ta' nkarigu moghti lilu mill-Qorti fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 133 u 134).

In kontro-ezami meta gie mistoqsi jghid jekk hux minnu li biex l-imputat jipprotegi lilu nnifsu huwa jghid *"iva"* ghal kollox ikun xi jkun basta jfittex jehles, wiegeb fl-affermattiv. Jispjega x'inhuma l-kondizzjonijiet tal-imputat u li bla dubju ta' xejn li l-imputat kellu *stress* quddiemu minhabba l-fatt li missier l-imputat kien jokkupa kariga importanti fil-korp tal-Pulizija u li hu l-imputat jokkupa kariga ukoll importanti fl-istess korp. Jghid li rrizultalu li l-imputat *"he wants to please"* (*a fol.* 154) ikunu xi jkunu l-konsegwenzi.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2014, xehed **Joseph Saliba** (rapprezentant tal-ETC – *a fol.* 167) fejn ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "JS 1" (*a fol.* 168) liema dokument juri l-*employment history* tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "FS 1" – *a fol.* 10 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata fi zmien meta ma kienx ghadu jezisti d-dritt li persuna tikkonsulta ma' avukat ta' fiducja taghha qabel tittiehdilha stqarrija, l-imputat jghid: *"dawk il-madum u affarijiet ohra tal-kmamar tal-banju nofshom kont hadthom ghax kienu ghar-rimi u nofshom hadthom jiena. Nghid li jien qatt ma missejt 'deliveries'. Nghid li, l-madum dejjem hadtu ghax ikun spicca il-'lot'. Meta mistoqsi dwar is-sinkijiet, nghid li dawk il-mudelli kienu antiki. Meta mistoqsi dwar il-'mixers' tas-sinkijiet u dwar il-*

*kabinet gdid li rajt isfel, nghid li dawk suppost kienu ghas-siehbi Roderick, li kien jahdem ukoll ma' Josies Bathrooms u llum m'ghadux, u minflok hadthom jiena. Meta mistoqsi ghal dawk is-'shower cubicles' li urejtni, nghid li dawk il-lastiku u l-'fittings' taghhom m'ghadux jigi u flok intremew hadthom jiena. Fil-fatt wahda mix-'shower cubicles' ghandha xi hgieg nieqes. Meta mistoqsi wkoll dwar dawk l-'angle valves' li ghadkom kemm urejtuni nghid li dawk hadthom"* (*a fol.* 11). Mistoqsi jghid x'kien ser jaghmel b'dawn l-affarijiet jghid li kien ser juzahom biex jirranga l-villa ta' Attard [Gialanzé].

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti semghet kif l-imputat ghamel xi zmien jahdem bhala *delivery man* ma' Josies Bathrooms u li kien hemm zmien fejn meta kien isir *stock-taking* kienu jinstabu xi affarijiet neqsin. Il-Qorti semghet ukoll kif kien ikun hemm drabi fejn kellha ssir *delivery* u din ma tkunx saret u b'hekk meta l-ghada jmur it-*tiler* l-affarijiet ma kienux jinstabu. Jirrizulta li l-affarijiet li nstabu fil-fond fil-Kalkara proprjeta' ta' Attard [Gialanzé] kienu nstabu neqsin mill-i*store* ta' Josies Bathrooms.

**Ikkunsidrat**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti, ghandhom jigu ppruvati *oltre* kull dubbju ragjonevoli, cioé oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubbju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader** hemm riferenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper vs. The Queen** [1952] AC 480, 489.

> *"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference"*.

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Ottubru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Gauci et**:

> *"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics"*.

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali

jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioé li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**

**(Serq kwalifikat bil-valur u bil-persuna)**:

Illi, taht l-ewwel (1) imputazzjoni, l-imputat jinsab akkuzat b'serq ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

Illi, fir-rigward tas-serq, il-Qorti tinnota li fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awissu 1998 inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro"*
>
> (Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:
>
> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi l-Qorti tinnota li mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti:

- l-affarijiet in kwistjoni nstabu go fond ta' Antonia Attard [Gialanzé] fil-Kalkara;
- l-imputat u t-tifla ta' Antonia Attard [Gialanzé] ghamlu xi zmien gharajjes;
- l-imputat ghamel zmien jahdem ma' Josies Bathrooms bhala *delivery man*;
- l-affarijiet li nstabu fil-fond ta' Attard [Gialanzé] kienu gew neqsin minn Josies Bathrooms;
- Attard [Gialanzé] ma setghetx tiftah il-fond taghha fil-Kalkara u kien wara li ttawwlet minn aperatura fil-bieb li rat xi affarijiet tal-kmamar tal-banju.

Illi l-Qorti tinnota li jkun opportun li taghmel xi kunsiderazzjonijiet rigward l-istqarrija (Dok. "FS 1" – *a fol.* 10 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija. Dwar il-valur probativ tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat, f'liema zmien din giet rilaxxata persuna arrestata ma kellhiex dritt li tikkonsulta ma' avukat, il-Qorti taghmel riferenza ghal sentenzi kostituzzjonali in materja l-ewwel ghall-kazijiet **Il-Pulizija vs. Alvin Privitera**, **Il-Pulizija vs. Mark Lombardi**, u **Il-Pulizija vs. Esron Pullicino** illi taw certa direzzjoni. Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghall-kawza **Charles Stephen Muscat vs. Avukat Generali** illi tat direzzjoni ohra. F'din il-kawza flimkien ma' kawza ohra kostituzzjonali **Il-Pulizija vs. Ganni Attard** (31 ta' Ottubru 2012), il-Qorti Kostituzzjonali ikkristalizzat il-kwistjoni tal-istqarrija meta dina ittiehdet qabel l-introduzzjoni tal-ligi fi Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) li tat lill-arrestat id-dritt illi jikkonsulta ruhu ma' avukat.

Illi l-Qorti tinnota li l-kawza kostituzzjonali **Charles Stephen Muscat vs. Avukat Generali** qalet is-segwenti:

> "Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq u jekk inholoqx il-periklu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur."

Paragrafu 33 tal-istess sentenza jkompli jinghad is-segwenti:

> "... l-imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-perikolu illi joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija, bla ma jqisu l-provi l-ohra, u illi l-imhallef sahansitra jista' jwissi lill-gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb xhieda […] li l-istqarrija ttiehdet bi vjolenza, qerq jew theddid ...".

Din is-sentenza giet ikkwotata b'success fil-kawza l-ohra **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali** u kompliet tghid:

> "Ebda Qorti f'ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f'lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq." (pagna 10).

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-decizjoni moghtija fit-18 ta' Gunju 2013 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** fejn il-Qorti kkristallizzat is-sitwazzjoni f'dan il-bran:

> "Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata il-ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidunett tal-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel riferenza ghal decizjonijiet moghtija recentement (ara fost ohrajn **Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali** u **Ganni Attard versus Avukat Generali**) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti irrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullità ta' tali stqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hijiex korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi interrogat mill-pulizija."

Ghalhekk meta l-Qorti tkun qieghda tikkunsidra l-valur probativ ta' stqarrija f'dawn ic-cirkostanzi trid tqis ukoll il-vulnerabiltà tal-persuna arrestata u l-età taghha huwa fattur importanti ghax hekk biss tista' tevita l-periklu illi tasal ghall-konkluzjoni illi persuna jinstab hati meta ma kellux jinstab hati (*Vide* wkoll **Il-Pulizija vs. Robert Busuttil**, deciza fl-20 ta' Frar 2014).

Illi, dwar jekk l-imputat fil-kawza odjerna ghandux jitqies bhala persuna vulnerabbli jew le, il-Qorti, apparti dak li nghad hawn fuq, ser tiehu in konsiderazzjoni wkoll dak li qal Dr. Mark Xuereb kemm fid-depozizzjoni tieghu (*a fol.* 149 *et seq.*) kif ukoll fir-rapport tieghu (Dok. "MX 1" – *a fol.* 156 *et*

*seq.*). Il-Qorti tinnota li fit-twegibiet moghtija minnu lill-Pulizija, l-imputat kien konciz ferm dwar minn fejn kienu gew l-affarijiet in kwistjoni u r-ragunijiet ghala huwa ha dawn l-affarijiet. Tenut kont ta' dan kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma ghandhiex raguni valida ghala ghandha tikkunsidra lill-imputat bhala persuna vulnerabbli u ghaldaqstant il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija rilaxxata minnu. Bhala parentenzi, il-Qorti tinnota li xorta wahda fehmet il-kondizzjoni tal-imputat kif spjegata minn Dr. Mark Xuereb u din ser tittiehed in konsiderazzjoni aktar il-quddiem.

Illi, tenut kont ta' dak mismugh mill-Qorti u tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

Illi, fir-rigward tal-kwalifika tal-valur, il-Qorti tinnota li fir-rapport tieghu (Dok. "VC 1" – *a fol.* 104 *et seq.*), is-Sur Vincent Ciliberti ghamel stima tal-valur totali tal-oggetti ndikati lilu ghal valur ta' €2,344. M'hemmx dubju ghalhekk li l-kwalifika tal-valur gie pruvat.

Illi, fir-rigward tal-kwalifika tal-persuna, il-Qorti tinnota li meta gie kkommess ir-reat tas-serq da parte tal-imputat fir-rigward ta' Josies Bathrooms, l-imputat kien jahdem ma' Josies Bathrooms u b'hekk m'hemmx dubju li l-kwalifika tal-persuna giet ukoll pruvata.

Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi misjub hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kif ukoll tal-kwalifiki tal-valur u tal-persuna.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Ricettazzjoni)</u>**:

Illi jkun opportun li ssir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Schembri** deciza fit-30 ta' April 1992, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissusspetta li dan l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, huwa hati ta' ricettazzjoni. (Collez. Vol. XLV.IV.1032). Fil-kaz prezenti rrizulta illi l-appellat kien ircieva fil-garaxx tieghu xorb ikkonsenjat lilu ghal hamsa u nofs ta' filghodu minghand bniedem illi l-appellat innifsu ddikjara li kien jafu bhala kriminal. L-appellat dana ghamlu bhalma ghamel verifiki jew xi domanda rigwardanti l-provenjenza ta' dak ix-xorb. F'dawn ic-cirkostanzi jidher ovvju illi l-appellat kellu aktar minn suspett dwar il-kriminozità tal-provenjenza".

Illi fil-ktieb tieghu **"Recent Criminal Cases Annotated"**, l-Imhallef William Harding jirreferi ghall-kaz **Il-Pulizija vs. Joseph Bugelli et** deciz fl-24 ta' Jannar 1942 fejn jghid illi fil-kaz ta' ricettazzjoni dawn ir-regolamenti ghandhom japplikaw:

> *"(1) the offence consists in an act subsequent to the main offence (theft, fraud, etc.), even though ancillary thereto, and constitutes and offence per se, and not a form of complicity;*
>
> *(2) three conditions are essential, i.e. (a) that previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchases, or, in any manner, taken part in the selling of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods;*
>
> *(3) Anyone who by his own act, of whatsoever nature, facilitates the disposal of the goods, contravenes the section."*

Illi m'hemmx dubju li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni u ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Approprjazzjoni bla jedd)</u>**:

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina x'inhuma l-elementi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita. Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet sabiex janalizzaw dan ir-reat fosthom fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni et** deciza fid-9 ta' Gunju 1998. F'dan il-kaz il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana ir-reat:

> "Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor".

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

> "*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (Manuale di Diritto Penale, Giuffré (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "[...F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno:
>
> *Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita é necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprietà, a scopo d'indebito profitto per sè o per un terzo, il dolo sarà costituito dalla volontarietà della conversione con scienza della sua illegittimità, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrerà in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita è (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo,*

*dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perché non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza é costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole".*

Illi, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' approprjazzjoni bla jedd, il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li dawn l-elementi ma gewx sodisfacentement pruvati. Anzi, jirrizulta li l-imputat seraq l-affarijiet in kwistjoni. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li hija biss l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat li giet sodisfacentment pruvata. Anke l-kwalifiki tal-valur u tal-persuna gew pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (Dok. "FF 2" - *a fol.* 8) li hija wahda kompletament nadifa, in-natura tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, u kif ukoll il-fatt li l-affarijiet li nstabu gew ritornati lil sidhom. Il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni dak li xehed Dr. Mark Xuereb meta ta d-depozizzjoni tieghu (*a fol.* 149 *et seq.*) kif ukoll il-kontenut tar-rapport tieghu (Dok. "MX 1" – *a fol.* 156 *et seq.*). Il-Qorti mhijiex tal-fehma li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva jew wahda ta' prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputat u thoss li jkun utili li l-imputat jinghata cans li permezz tieghu jaghraf li dak li ghamel huwa hazin u sabiex jigi mghejjun minhabba l-kondizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha, u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tad-29 ta' Ottubru 2012 b'mod partikolari Artikoli 261(c), 261(d), 267 u 268(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Adrian Valletta hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu [bil-kwalifiki tal-valur u tal-persuna] u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Adrian Valletta taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mil-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Adrian Valletta bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Adrian Valletta.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat Adrian Valletta sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum ihallas is-somma komplessiva ta' tmien mija u sebgha u ghoxrin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€827.48) liema somma tirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti/periti f'dan il-kaz.[6]

## < Sentenza Finali >

[6] Rapport immarkat bhala Dok. "VC 1" (*a fol.* 104 *et seq.*): €189.98 (*a fol.* 107 *tergo*);

Rapport immarkat bhala Dok. "MX 1" (*a fol.* 156 *et seq.*): €637.50 (*a fol.* 163).

---------------------------------TMIEM---------------------------------